**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIŻJONI NUMRU 2620**

Chairperson: Charmaine Cristiano Grech

**Kaz Nru: 3427/CCG**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Adolf Vella (335879M)**

**u**

**Sea Port Franchising Ltd(C26395)**

Dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

Illum 9 ta' Ottubru 2019

**Preliminari**

Illi ir-rikorrent ippreżenta rikors fejn spjega li kien impjegat ma' Sea Port Franchising Ltd (C26395) bħala *Manager Sales & Marketing* fuq bażi *full time* b'terminu indeterminat . Dan l-impjieg ġie tterminat fis-17 ta' Awwissu 2015, allegatament fuq bażi li r-rikorrent ta' ir-riżenja fl-istess ġurnata. Ir-rikorrent jallega li ma kienx hemm bażi għat-tmiem tal-impjieg tiegħu stante li hu qatt ma kien ta r-riżenja tiegħu la bil-miktub u lanqas verbalment. Għalhekk ir-rikorrent talab lit-Tribunal biex tikkundanna lill-kumpanija ntimata tħallas kumpens kif likwidat minn dan it-Tribunal flimkien ma' l-ammont ta' '*Notice money*' dovut lir-rikorrent u spejjeż kollha inkorsi u soffruti mir-rikorrent minħabba it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, u tordna li tinbidel ir-raġuni tat-terminażzjoni fl-*employment history* tar-rikorrent mal-ETC (illum Jobsplus).

Is-soċjeta` ntimata ddikjarat li tmiem tal-impjieg kien riżultat ta' dikjarazzjoni verbali li saret mir-rikorrent mad-Director Operations. Din ir-riżenja waslet wara li r-rikorrent ma kienx kuntent b'tibdil li sar fil-kumpanija u s-soċjeta` ntimata ma setatx takkomoda l-eżiġenzi tar-rikorrent. Għalhekk fis-17 ta' Awwissu, wara li kien għadda in-notice period l-impjieg ġi meqjus bħala terminat. Is-soċjeta ` ntimata talbet lit-Tribunal li jirrispinġi t-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-kaz fi żmien xahar kif stabbilit mil-liġi minħabba limitazzjonijiet ta' faċilitajiet amministrattivi.

**Sinteżi tax-Xhieda**

Is-Sa. Shandelle Azzopardi, Director Operations fi ħdan is-soċjeta` ntimata xehdet li id-diskors tar-riżenja sar mir-rikorrent magħha u ma kien hemm ħadd preżenti waqt id-diskursata. Ix-xhud xehdet li dan sar fl-isfont ta' diskursata bejna u s-Sur Vella dwar deċiżjoni tas-soċjeta` ntimata li ma jdaħħlux iktar impjegati fis-sezzjoni fejn kien jaħdem hu ħlief persuna part time anke jekk kienet irriżenjat persuna full time. Is-Sur Vella, wara li x-xhud ikkonfermat li dik kienet id-deċiżjoni finali tal-kumpanija, kien stqarr ' *take today as my first day of my notice'*. Ix-xhud stqarret li jiddispjaċijha u wara li għarfet b'dan kollu lid-Direttur is-Sur Arthur Gauci. Dan tal-aħħar irreferijha għand l-avukat u x-xhud ikkonfermat li din kellha tittieħed bħala riżenja.

Meta għaddew it-tmien ġimgħat notice u x-xhud infurmatu b'dan, is-Sur Vella ammetta li kien qal dak id-diskors. Mistoqsija x'kien ġara waqt il-perjodu tan-*notice,* ix-xhud xehdet li ġabu Sales and Marketing, rappreżentant tal-*franchise* biex jagħti *insigh*t aħjar peress li hi ma kinietx ila hemm u peress li kienu jafu li tul il-perjodu tan-*notice* se tkun impossibbli li jsibu *replacement*. Ix-Xhud spjegat li *replacement* beda jaħdem wara s-sajf għal xi Novembru peress li dan kellu jagħmel xi taħriġ barra minn Malta.

Taħt kontro-eżami ix-xhud xehdet li għalkhemm mhux normali li xi ħadd jagħti r-riżenja verbalment, ma kienitx l-ewwel darba u hi mxiet mad-direzzjoni mogħtija lilha mid-Direttur. Ikkonfermat li ma kelliex struzzjonijiet biex titlob ir-riżenja bil-miktub u li id-dikjarazzjoni għandha titqies bħala riżenja.

Peremezz ta affidavit meħud fit-tletin ta' Mejju 2017 is-Sur Gauci ikkonferma l-fatti li xhedet Shandelle Azzopardi. Waqt il-kontro eżami, is-Sur Gauci xehed li fil-passat kellu xi tilwim mas-Sur Vella u dan wasslitu biex jemmen dak li rrapurtat is-Sa. Azzopardi. Mistoqsi dwar email bejn is-Sur Vella u Sa. Azzopardi, fejn ir-rikorrent talab għal leave u nqatgħu xi biljetti għal konferenza għal wara in-*notice period* u ġi approvat mis-Sa. Azzopardi, is-Sur Gauci xehed li dan il-leave u l-biljetti ġew approvati biex ikun hemm business as usual. Dan għaiex is-Sur Gauci issuspetta li jekk dawn jiġu rifjutati is-Sur Vella jagħmel vendikazzjoni lill-kumpanija. Is-Sur Gauci tenna li hu ried li l-andament tal-kumpanija jkun wieħed normali. Is-Sur Gauci xehed li lis-Sa. Azzopardi qallah *"Il-parir lehali li ngħatajt kien li verbalment hija valida daqs li kieku nkitbet in writing. Dak il-parir legali li jien ġejt mogħti. U għidtilha jekk se tavżah issa dan se jagħmlilna vendikazzjoni...... Għiditlha hu n-notice taha, jekk ma jafx x'qal it's his problem, però la n-notice taha taha."*

Fix-xhieda tiegħu is-Sur Vella ta rendikont tal-istorja tiegħu mas-soċjeta` ntimata. Ikkonferma li l-problema maġġuri kienet dwar l-ammont ta' nies jaħdmu fid-dipartiment tiegħu. Ikkonferma li kellu diskussjoni mas-Sa. Azzopardi fejn hu prova jispjegalha li bl-ammont ta' riżorsi li kien fadal fid-dipartiment ma kienx biżżejjed biex jilħqu miri li kienu ġew pjanati meta d-dipartiment kien ikbar. Għalhekk insista li għandhom jiġu *replaced* in-nies li telqu.
Ix-xhud spjega kif fis-17 ta' Awwissu mar l-uffiċju u ma sabx il-laptop fuq id-desk tiegħu. Beda jsaqsi fejn qiegħed il-laptop u wara ftit ġiet is-Sa Azzopardi u qaltlu li laptop qiegħed għandha.

Qaltlu biex joħroġ mill-uffiċju magħha u talbitu biex ipoġġi u tatu ittra. Kien hawn li qaltlu li dak inhar kienet l-aħħar ġurnata xogħol tiegħu u tatù nofs siegħa biex jieħu l-affarijiet minn fuq id-desk u tagħtu sa filgħaxija biex jirritorna l-karozza tal-kumpanija. Ix-xhud kompla biex spjega li hu kien ixxukjat. Xehed kif mar lura fl-uffiċju u qal lil kollega tiegħu li keċċietu. Ir-rikorrent kompla jispjega li baqa' ma jafx x'kien ġara. Preżenta affidavit tal-kollega Deborah Cassar. Is-Sur Vella xehed ukoll fuq l-approvazzjoni li rċieva għall-konferenza anke jekk wara il-ġurnata fejn kien qed jiġi allegat li hu offra r-riżenja tiegħu verbalment. Spjega kif ingħata l-approvazzjonijiet kollha minn kulħadd u saħansitra nxtraw il-biljetti. Kompla jixhed ukoll dwar kif meta fit-2 ta' Awwissu applika għal leave bejn it-30 ta' Settembru u 9 ta' Ottubru, dan ġi approvat mis-Sa. Azzopardi. Hu xehed li għalkhemm il-konferenza u leave ġew approvati, daqs li kieku hu kien se jibqa' mal-kumpanija, xorta waħda ġara dak li ġara.

Waqt il-kontro-eżami, is-Sur Vella ċaħad li hu ma kienx ħa pjaċir li s-Sa. Shandelle Azzopardi daħlet bħala superjura tiegħu anzi xehed li kien organizza *welcome party*. Xehed li hu lis-Sa. Azzopardi ma kienx jaf min hi qabel daħlet taħdem mas-soċjeta` ntimata. Xehed ukoll li dak inhar li s-Sinjura Azzopardi qaltlu li kienet l-aħħar ġurnata tax-xogħol peress li kien ħadem in-*notice* ma kellux l-affarijiet kollha tal-kumpanija miegħu peress li għalih kienet ġurnata normali u mhux l-aħħar ġurnata.

Mistoqsi x'kien jagħmel bħala xogħol meta rreġistra mad-dipartiment tal VAT, is-Sur Vella wieġeb li kien jaħdem fuq events imma mhux hospitality.
Ir-rikorrent meta mistoqsi kienx qal id-diskors '*take today as my first day of my notice'* ċaħad li qatt kien qal dak id-diskors.

Xehed ukoll is-Sur Joseph Saliba rappreżentant tal-JobsPlus. Hu preżenta l-*employment history* tas-Sur Adolf Vella flimkien mal-engagement form t-termination form.

**Sinteżi tas-sottomossjonijiet**

Is-soċjeta` ntimata saħqet li l-pern tal-kwistjoni hija li skont is-soċjeta` is-Sur Vella kien ta r-riżenja waqt li s-Sur Vella jisħaq li dan mhux minnu u l-impjieg ġi terminat mingħajr raġuni valida.

Is-soċjeta` tisħaq li kif anke ammetta is-Sur Vella, ma kienx laqa' id-deċiżjoni tat-tmexxija, li ma jiżdiedux impjegati fit-tim tiegħu, b'mod tajjeb. B'riżultat ta' dan is-Sur Vella kien qal ' 'La sa jiġri hekk, ħu illum bħala l-ewwel jum tar-riżenja tiegħi...' . Dawn il-fatti kienu kkonfermati fix-xhieda ta' Shandelle Azzopardi u Arthur Gauci.

Is-Sur Gauci saħaq li, li kieku ma kienx hemm din ir-riżenja ma kienx ikollu għalfejn jitlob parir legali jekk riżenja verbali hijiex waħda legali jew le. Issir referenza wkoll għal fatt li fuq id-dokument ta' terminazzjoni preżentat mir-rappreżentant tal-Jobsplus ir-raġuni ta' terminazzjoni hija '*resigned*'.

Is-soċjeta` ntimata targumenta li il-liġi hija siekta dwar il-forma li għandha jkollha riżenja ta' persuna minn impjieg u tagħmel referenza għad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali numru 1096 fl-ismijiet ta' "Albert Galea vs Mediterranean Film Studios Ltd" li kienet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fejn intqal li 'ir-rizenja minn impjieg fiha nnifisha ma tridx tkun ekwivoku. Anzi għandha tkun limpida fiċ-ċarezza tagħha. Trid tkun fuq kollox ġenwina, espliċitu, awtentika, magħmula volontarjament u preferebilment bil-miktub. It-Tribunal jirritjeni li riżenja ma. għanda qatt tkun waħda preżunta jew assunta'.

Għalhekk, tisħaq is-soċjeta ntimata li dan mhux każ ta' tkeċċija nġusta u għalhekk dan it-Tribunal m'għandux kompetenza li jisma' l-każ. Lanqas huwa kas ta' tkeċċija b'simulazzjoni ta' riżenja ta' l-impjegat billi dan ma jiffigurax la bħala fatt u lanqas kunċett legali abbażi tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-intimata soċjetà tisħaq ukoll li anke jekk dan jitqies bħala tkeċċija nġusta, għandu jitqies li r-rikorrenti kien irreġistra ruħu bħala 'self-employed' ftit xhur wara tkeċċija tiegħu u kellu qliegħ u għalhekk dan għandu jitqies f'każ ta' kumpens.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu, is-Sur Vella jisħaq li hu dejjem ħa nteress fil-kumpanija u fix-xogħol. Jisħaq li qatt ma ta riżenja, lanqas b'mod verbali kif insinwat mis-soċjeta` ntimata. Jisħaq li minkejja li qed jiġi allegat li hu kien ta r-riżenja tiegħu fl-ebda ħin il-kumpanija ma k-komunikat miegħu la b'data ta' terminu, la bit-tul tan-notice u lanqas li ġiet aċċettata ir-riżenja.

Jisħaq li anke it-terminu ta' notice kien maħdum ħażin għax kieku kien irriżenja fis17' ta' Ġunju 2015 l-aħħar ġurnata xogħol kellha tkun it-12 ta' Awwissu u mhux is-17 ta' Awwissu. Ir-rikorrent jirrimarka wkoll li t-*Termination Form* tal-impjieg iddaħlet mill-*employer* u s-Sur Vella ma kien jaf b'xejn. Sar aċċenn ukoll għall-affidavit tas-Sa. Deborah Cassar, hu r-rikorrent saħaq li dan ġi aċċettat mill-intamta soċjetà. Saret ukoll referenza għal-biljetti u permess biex is-Sur Vella jmur konferenza relatata max-xogħol kif ukoll għal-talba ta' leave li kollha ġew approvati anki jekk kienu jaqgħu wara dik li kellha tkun l-aħħar ġurnata ta' xogħol, xi ħaġa li skont ir-rikorrent mhux normali li ssir. Għalhekk ir-rikorrent jisħaq li dan kien att ta' simulazzjoni ta' riżenja biex itterminawlu l-impjieg u jsarraf f'unjustified dismissal.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal f'dan il-każ kellu sitwazzjoni ta' xhieda kunflinġenti quddiemu, fejn ir-rikorrent u s-soċjeta insistew li l-verżjoni tagħhom hija dik korretta. Is-soċjeta insistiet illi r-rikorrent kien ta r-riżenja tiegħu pero hekk kif irriżulta mix-xhieda hija kompliet b'business as usual miegħu, tant illi meta dan applika għal leave dan ġie approvat u saħansitra għamlet arranġamenti sabiex dan jattendi konferenza li d-data tagħha kienet wara li kien jispiċċa n-notice tar-rikorrent. Is-soċjeta ex admissis qalet li qatt ma reġgħet semmiet ir-riżenja mar-rikorrent għaliex beżgħet li ser jagħmillhom vendikazzjoni sakemm waslet l-aħħar ġurnata tan-notice u ħabta u sabta ma sabx il-laptop fuq id-desk, qalulu jirritorna l-karozza u jieħu l-affarijiet kollha personali tiegħu.

Min-naħa l-oħra r-rikorrent insista li qatt ma ta r-riżenja tiegħu u tant hu hekk li applika għal leave u għamel arranġamenti sabiex jattendi konferenza relatata max-xogħol.

It-Tribunal jirrimarka li s-soċjeta f'dan il-każ ma aġixxietx b'mod sewwa. Anke li kieku r-rikorrent veru qal dak id-diskors, hekk kif jgħid sewwa Selwyn, *'Words spoken or action taken by an employee in the heat of the moment or under extreme pressure should not necessarily be taken at face value. The employer should allow a reasonable time to elapse before accepting such an apparent resignation to see whether this was what was really intended. If the employer fails to make a proper investigation, he runs the risk that an employment tribunal may hold that there are special circumstances where the apparent resignation was not really intended by the employee (Kwik-Fit (GB) Ltd v Lineham, para 15.8).'* F'dan il-każ mhux talli s-soċjeta ma vverifikatx illi r-rikorrent kien irriżenja, iżda għamlet minn kollox sabiex taħbi l-fatt illi l-perjodu tan-notice kien qed jiddekorri u ppruvat taħbi l-fatt li (jekk kien veru) kienet ingħatat ir-riżenja.

Is-soċjeta rreferiet għad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali numru 1096 fl-ismijiet ta' "Albert Galea vs Mediterranean Film Studios Ltd" li kienet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fejn intqal li *'ir-rizenja minn impjieg fiha nnifisha ma tridx tkun ekwivoku. Anzi għandha tkun limpida fiċ-ċarezza tagħha. Trid tkun fuq kollox ġenwina, espliċitu, awtentika, magħmula volontarjament u preferebilment bil-miktub. It-Tribunal jirritjeni li riżenja ma. għanda qatt tkun waħda preżunta jew assunta'*. Hawnhekk it-Tribunal jistaqsi jekk fil-fatt ir-riżenja tar-rikorrent kinitx limpida fiċ-ċarezza tagħha meta ħadd mill-partijiet la qatt ma reġa' semma r-riżenja, la l-perjodu tan-notice u lanqas l-aħħar ġurnata tax-xogħol anzi għamlu l-għalmu tagħhom sabiex jaħbu dan il-fatt.

**Deċiżjoni**

It-Tribunal ġie mitlub jagħti kumpens likwidat flimkien ma' l-ammont ta' '*Notice money*' dovut lir-rikorrent u spejjeż kollha inkorsi u soffruti mir-rikorrent minħabba it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, u tordna li tinbidel ir-raġuni tat-terminażżjoni fl-*employment history* tar-rikorrent mal-ETC (illum Jobsplus).

Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġew esposti f'dan il-proċess, it- Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impieg ma kinitx waħda ġusta.

Skont il-provi li tressqu, ir-rikorrenti kellu relazzjoni lavorattiva mhux qasira mas-soċjeta u wara li ġie tterminat l-impjieg tiegħu huwa għamel żmien jaħdem bħala self employed pero qal li minħabba li ma kienx sejjer tajjeb huwa sab impjieg full time madwar tmien xhur wara li ġie tterminat l-impjieg tiegħu minn mas-soċjeta. Ma inġabet l-ebda prova dwar kemm kien l-introjtu matul il-perjodu li r-rikorrent kien self-employed u lanqas ma inġabet prova dwar l-introjtu li r-rikorrent għandu fl-impjieg preżenti tiegħu.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, tenut kont tad-danni reali fejn jidħol nuqqas ta' introjtu li r-rikorrent seta' sofra riżultat tat-tkeċċija inġusta, t-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrent fis-

somma ta' €10,000 liema ammont irid jitħallas mill-kumpannija fi żmien sitt gimgħat mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**(iffirmata)**

Avv. Charmaine Cristiano Grech LL.D.
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju